# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAD-29 TA' SETTEMBRU, 2022**

**Kawza Numru: 4K**

**Rik. Kost. 10/2020 RGM**

**Anna Geltrude D'Amico**

**vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat ta' l-Istat**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors ta' Anna Geltrude D'Amico** ipprezentat fl-14 ta' Jannar, 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

Illi fil-11 ta'Novembru 2014 ir-rikorrenti kienet mresqa l-Qorti akkuzata bi pussess ta' Cannabis, bi importazzjoni u assocjat ruhha biex tbiegh id-droga;

Illi fl-10 ta' Novembru 2014 irrilaxxat stqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin u WPS 237 (Dok A), illi waqt l-arrest taghha li sehh fit-8 ta' Novembru 2014 u l-interrogazzjoni taghha u t-tehid ta' l-istqarrija mill-Pulizija, gewwa l-Kwatieri Generali tal-Pulizija, ma kienetx assistita. L-anqas kellha d-dritt li titlob li tkun assistita minn konsulent legali matul it-tehid tal-istqarrija taghha, tali nuqqasijiet jiksru id-drittijiet taghha a tenur tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni]*;*

Illi r-Rikorrenti f'dik il-perjodu kienet vunerabbli stante li kienet qed tbaghti minn kundizzjoni ta' dipressjoni meta l-partner taghha Martino Franco Rapizarda miet fl-10 ta' Ottubru 2014. Barra minhekk ghandha u kellha dak iz-zmien ukoll kundizzjoni fi spallejha li kienet ta' disabbilita ghaliha;

Illi meta giet arrestata fuq allegat importazzjoni u traffikar tad-droga, giet isolata billi intefghet go cella wahedha minghajr ikel u xorb. Waqt l-interrogazzjoni kienet dejjem fil-prezenza ta' tlett ufficjali tal-pulizija. Meta kienet arrestata kelmet bil-ligwa Taljana bit-telefon, lil persuna li qalet li kienet avukat u informha li kien imsiefer u kellha tghid il-verita. Fl-interrogazzjoni il-Pulizija insistew maghha li kienet gabet ammont ta' droga f'Malta ma' huha u jekk kienet se tghid hekk seghtet titlaq mill-Kwartieri Generali, Ir-rikorrenti l-ewwel kienet qeghda tghid li din ma kienetx vera, izda imbaghad minhabba l-vunabbilita taghha qalet;

Illi r-Rikorrenti tifhem biss bil-ligwa Taljana u ma tafx bl-Ingliz u l-anqas bil-Malti. Waqt l-interrogazzjoni l-pulizija tkelmu bit-Taljan, peress li l-interpretu professjonali giet wara li kienet spiccat interrogazzjoni. L-Istqarrija kienet bil-lingwa Maltija u l-pulizija prezenti talbu r-rikorrenti biex tiffirma l-isqarrija u hekk ghamlet;

Illi wara li ghamlet l-istqarrija, ttiehdet f'post differenti u quddiem persuna li kienet deskritta bhala Magistrat. Il-Magistrat kienet fuq il-mobile u ma inqratx l-Istqarrija, izda ghamlet li kkonfermat bil-gurament;

Ghaldaqstant, l-esponent titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li d-dritt fondamentali tieghu ta' smiegh xieraq kif protett taht l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-

Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kienu gew lezi, u sabiex takkorda dawk ir-rimedji xierqa u effettivi fic-cirkostanzi, fosthom l-isfilz tal-istqarrija taghha mill-process kriminali Il-Pulizija -v- Ann D' Amato u processi ohra relati, u dan salv kull provvediment xieraq u opportun li din l-Onorbbli Qorti jidhrilha ghandha taghti.

Rat ir-**Risposta tal-intimati** apprezentata fil-5 ta' Frar, 2020 fejn jinghad kif gej:

1. Preliminarjament, l-esponent jemmen li l-azzjoni tar-rikorrenti hija għal kollox intempestiva. Dan għaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat Ġenerali*** maqtugħa fis-16 ta' Marzu 2011, ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, s'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi hi sejra tiġi żvantaġġjata waqt is-smigħ taghha. Jiġi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrent jiġi diskuss u trattat in vacuo u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha. F'dan il-kuntest huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, huwa

meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Allura l-ilment ta’ nuqqas ta’ smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista’ jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess kriminali jiġi konkluż

2. Illi bħala punt ta’ dritt taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta’ avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta’ konsultazzjoni ma’ avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma ġġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali allura dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda raġun jinvoka ksur tal-jedd ta’ smigħ xieraq abbażi ta’ dan in-nuqqas.

3. Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f’ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta’ għajnuna ta’ avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (ara *inter alia* ***Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Carmel Camilleri*** tat-22 ta’ Frar 2013, ***Charles Stephen Muscat vs. Avukat Ġenerali*** tat-8 ta’ Ottubru 2012 u ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali*** tal-14 ta’ Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta’ aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta’ leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

4. Marbut ma` dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (ara fost oħrajn is-sentenzi ***Dr. Lawrence Pullicino vs. Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awwissu 1998, ***Anthony Zarb et vs. Ministru tal-Ġustizzja et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Ottubru 2002 u ***Gregorio sive Godwin Scicluna vs. Avukat Ġenerali et*** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru 2003).

**5.** Dwar dan l-ilment terga issir referenza ghal dak li intqal aktar ` l fuq u cioe` li l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda ghal kollox i**ntempestiva** ghaliex il-proceduri taghha ghadhom pendenti. Dan gie ri-affermat ukoll mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawzi **Dimech vs. Malta u Tyrone Fenech et vs. Malta.**

**6.** Illi di piu ix-xenarju gurisprudenzjali rega inbiddel bil-kawzi **Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta.**

**7.** Illi l-esponent jirrileva ukoll li fil-kaz odjern m`huwiex minnu li r-rikorrenti ma inghatatx access ghall-assistenza legali qabel l-istqarrija anzi hija inghatat l-opportunita` li tkellem l-avukat tal-fiducja taghha u cioe` lil Dr. Porsella Flores. Illi ghalhekk dan kollu igieb fix-xejn l-argument tar-rikorrenti li hi ma inghatatx d-dritt li tikkonsulta ma` avukat. **Tajjeb li wiehed isemmi u jenfasizza li r-rikorrenti minn jeddha ikkonfermat ukoll l-istqarrija bil-gurament quddiem il-Magistrat tal-Ghassa.** Imkien ma huwa imnizzel la fil-Kostituzzjoni u lanqas fil-Konvenzjoni Ewropea li l-interessi ta` persuna arrestata u interrogata huma mharsa biss u unikament bil-prezenza tal-avukat qabel u/jew waqt l-interogazzjoni tal-pulizija. Fil-gurisprudenza nostrana gie affermat li meta persuna tikkonferma l-istqarrija bil-gurament u fil-presenza tal-Magistrat Inkwirenti dan ikun ifisser li inghatawlha l-garanziji kollha skond il-ligi biex id-drittijiet taghha jkunu mharsa minn kull forma ta` abbuz **(issir referenza ghal dak deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza *Il-Pulizija vs. Tyrone Fenech*).**

8. Illi m`huwiex minnu wkoll li r-rikorrenti kienet vulnerabbli jew li ma bditx tifhem x`inhu jigri waqt l-interrogazzjoni u dan kif ser jigi ippruvat fil-kors tas-smigh tal-kawza. Ir-rikorrenti fehmet sew

dak li gara u issa qed tipprova tbiddel il-verzjoni taghha ghaliex implikat fir-reat lil huha Antonio D`Amico.

9. Ghalhekk dan l-ilment imressaq mir-rikorrenti ghandu jigi michud minn din l-Onorabbli Qorti.

10. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghha.

Semgħat ix-xhieda li resqu l-partijiet u eżaminat il-provi dokumentarji ppreżentati.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti tas-6 ta’ Jannar 2022 u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti tad-29 ta’ Marzu 2022.

Semgħat it-trattazzjoni finali tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tad-9 ta’ Ġunju 2022.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

**R-rikorrenti** hija Taljana. Xhedet illi hija trabbiet ġewwa Catania fi Sqallija. Tgħid li minn meta kienet għadha żgħira ghandha tumur fi spallejha tax-xellug. Wara li miet ir-raġel tagħha meta kellha biss 37 sena, bdiet relazzjoni fit-tul ma' ċertu Martino Rapisarda li miet f'Ottubru 2014. Tgħid li b'konsegwenza tal-mewt tal-partner tagħha hija waqgħet f'*depression*.

Ħuwha Antonio kien jiġi spiss Malta peress li ibnu kien jgħix u jaħdem hawn Malta. Antonio issuġġerielha sabiex tiġi għal ftit jiem ta' mistrieħ hawn Malta u aċċettat. Tgħid li kollox ħa ħsieb ħuwha li ġie Malta bl-ajruplan filwaqt li hija ġiet Malta bil-catamaran peress li skond r-rikorrenti ma setgħatax tivjaġġa fuq ajruplan minħabba l-kondizzjoni ta' spallejha.

Hija u ħuwha qagħdu għand in-neputi tagħha u l-għadha, waqt li kienu serjrin bil-karrozza lejn Buġibba, ġew imwaqqfa mill-pulizija u arrestati.

Fl-10 ta' Novembru 2014 ġiet interrogata mill-Ispettur Malcolm Bondin.

R-rikorrenti tikkontendi illi meta ġiet interrogata kienet fi stat vulnerabbli ħafna peress li kien għadu kemm miet is-sieħeb tagħha Martino Rapisarda, kif ukoll peress li kellha marda deġenerativa fi spallejha tax-xellug.

Tgħid li waqt l-interrogazzjoni l-Ispettur Bondin akkużaha li kienet importat id-droga fuq struzzjonijiet ta' ħuwha. Hija innegat pero' tgħid li meta l-pulizija qalulha li kellha ċans teħel ħmistax-il sena ħabs, hija qaltilhom li kienet ser tammetti li importat id-droga.

Tgħid li f'dak l-istadju hija ingħatat il-fakolta' li tkellem avukat tal-għajnuna legali, f'dan il-każ lil Dr Renzo Porsella Flores. Lill-Avukat Porsella Flores kelmitu minn fuq it-telefon u skond r-rikorrenti kien taha parir sabiex tgħid il-verita'.

Xhedet illi kien f'dak l-istadju illi l-pulizija sejħu interpretu, ċertu Imelda Fede. Tgħid illi dak li inkiteb fl-istqarrija tagħha ma kienx il-verita'. Sussegwsentement ittieħdet quddiem maġistrat li qratilha l-istqarrija li kienet bil-Malti u tiddikjara illi minħabba li kienet beżana hija ikkonfermat l-istqarrija tagħha.

Sussegwentement ġiet imressqa l-Qorti.

R-rikorrenti resqet bħala xhud lill-**psikjatra Dr David Cassar** li ġie kkonsultat milr-rikorrenti wara li ingħatat il-liberta' provviżorja u li għal xi żmien kien il-psikjatra kuranti tagħha. Dr Cassar spjega l-istat mentali tal-attiċi meta kienet taħt il-kura tiegħu. Jagħt wkoll il-fehma tiegħu dwar l-istat mentali tar-rikorrenti meta ġiet interrogata mill-pulizija, jgħid hekk: "Her mental state and mental function on arrival

in Malta 18 days after her partner's death, left her in a deeply vulnerabli state and unable to function mentally in an appropriate emotionally and cognitively safe manner and in that context she was not able of appropriate reasoning and judgment."

**L-Ispettur Malcolm Bondin** xhed illi meta arrestaw lilr-rikorrenti kien informaha fuq x'hiex kienet qed tiġi investigata u tawha d-dritt li tikkonsulta ma' avukat qabel ma tiġi interrogata. Informawha wkoll li kellha d-dritt li ma tirrispondix għad-domandi u li dak li tgħid jinġieb bħala prova quddiem il-qrati.

Jikkonferma li kienet kelmet lill-avukat tal-għajnuna legali qabel ma interrogawha.

L-Ispettur Bondin kien spjega lilr-rikorrenti bil-benefiċċji ta' riduzzjoni fil-piena jekk hija tikkoopera. Kien spjegalha x'kien irriżulta lill-pulizija waqt l-investigazzjoni u r-rikorrenti aċċettat li tirrilaxxja l-istqarrija mertu tal-kawża odjerna.

Spjega li għalkemm l-istqarrija hija bil-lingwa Maltija u r-rikorrenti ma tafx bil-Malti, kienet issejħet interpretu sabiex taqralha bil-lingwa Taljana l-istqarrija in kwistjoni.

Fl-istqarrija hija tispjega b'dettal dak kollu li ġara sew qabel qabdet il-catamaran minn Catania lejn Malta, sew dak li seħħ hawn Malta qabel ġiet arrestata flimkien ma ħuwha. Fil-qosor hija spjegat li kienet taf li qed iġġorr id-droga fil-bagalja tagħha u li dan għamlitu għaliex kienet f'diffikulta' finanzjarja.

Hija aċċettat li dik l-istqarrija tikkonfermaha bil-ġurament quddiem il-Maġistrawt tal-Għassa, kif fil-fatt ġara ġewwa l-għassa tal-pulizija tas-Siġġiewi.

R-rikorrenti sejħet ukoll bħala xhud lil Consultant Physician and Rheumatologist **Dr Bernard Coleiro** li kkonferma ċ-ċertifikat mediku minnu rilaxxjat fis-27 ta' Novembru 2019 dwar il-kondizzjoni medika akuta tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat tal-Istat**.

i. L-azzjoni tar-rikorrenti hi intempestiva. Sabiex jiġi deċiż jekk ir-rikorrenti sofritx ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq, l-ilment irid jiġi meqjus mhux fir-rigward ta' episodju wieħed iżda meħud in konsiderazzjoni l-iter tal-proċess ġudizzjarju kollu;
ii. In-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat waqt stqarrija ma jwassalx ipso facto għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;
iii. Qabel irrilaxxjat l-istqarrija r-rikorrenti ingħatat il-fakolta' li tikkonsulta l-avukat tal-għajnuna legali;
iv. Ir-rikorrenti ikkonfermat minn jeddha l-istqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u għalhekk id-drittijiet tar-rikorrenti ġew imħarsa minn kull forma ta' abbuż;

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni tal-Intempestivita'**.

L-intimati jeċċepixxu illi stante li l-proċess penali kontra r-rikorrenti għadu pendenti, allura għadu kmieni wisq sabiex jiġi determinat jekk bil-fatt li r-rikorrenti irrilaxxjat stqarrija meta ma kenitx assistita minn avukat piex leż id-dritt tagħha għal smiegħ xieraq protett bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropea.

Ir-rikorrenti tilqa' għal din l-eċċezzjoni billi tissottolinea illi l-istqarrija li tat meta ma kenitx assistita minn avukat tifforma parti mill-kumplikazzjoni pendenti kontra tagħha liema proċeduri tgħid li ser iwasslu għal att ta' akkuża fil-konfront tagħha segwit minn ġuri. Tissottometti illi l-akkużi li taħthom hi akkużata jaqgħu taħt il-klassifikazzjoni ta' l-artikolu 22 (2) (a) (i) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk huwa applikabbli artikolu 436 (6) tal-Kodiċi Kriminali. Bl-istqarrija fl-atti ir-rikorrenti tgħid illi matul l-eventwali ġuri ser issir referenza għaliha u għalhekk ma kelliex għażla oħra ħlief li tistitwixxi dawn il-proċeduri.

Il-qorti tibda' billi tippuntwalizza illi għalkemm huwa minnu li l-proċeduri ġudizzjarji attakkati fuq il-premessa li ġie leż id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq għandhom jiġi mistħarrġa fit-totalità

tagħhom, il-Qorti ma tistax tieqaf hemm. Kemm il-linja ta' ġurisprudenza nostrana kif ukoll in linja ma' ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonali Maltija u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jinpedux lill-Qorti milli tinvestiga allegat ta' ksur (attwali jew potenzjali) qabel il-proċess ġudizzjarju jiġi konkluż. Kemm skont il-Kostituzzjoni kif ukoll skont il-Konvenzjoni Ewropea, kull persuna tista' tfittex protezzjoni mhux biss meta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħha jkunu qed jiġu miksura iżda anke jekk x'aktarx sejrin jiġu miksura.[1]

Fis-sentenza **Arrigo and Vella v. Malta**[2] il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem issottolineat is-segwenti:

> "*The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243- 244). The Court, noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants'*

[1] Artikolu 46 (1) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 319.
[2] Appl Nru 6569/04 deċiża fl-10 ta' Mejju 2005. Ara wkoll Dimech v. Malta (Appl Nru 34373/13) deċiża mill-QEDB fit-2 t'April 2015 § 43

*submissions do not disclose any such circumstances (see Putz v. Austria, no. 18892/91, Commission decision of 3 December 1993, DR 76-A, pp. 51, 64).*"

In tema legali l-qorti tagħmel referenza wkoll għal sentenza reċenti tal-**Qorti Kostituzzjonali** fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs L-Avukat tal-Istat** mogħtija fis-26 ta' April 2022:

> Bla ma tqis li għandha għalfejn tidħol f'rassenja ta' kunsiderazzjonijiet dwar kif u meta jista' jingħad li azzjoni tressqet qabel waqtha u dwar in-natura tal-eċċezzjoni tal-intempestivita`, din il-Qorti jidhrilha xieraq ittenni li, f'każijiet ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni trid tgħaddi minn għarbiel ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni bħal din ukoll tista' titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dan. Fil-każ li għandna quddiemna, il-fatt waħdu li l-intimat eċċipjenti jorbot l-intempestivita` mal-proċeduri li għadhom pendenti kontra r-rikorrent appellat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ma jġibx għalhekk biss li din il-kawża tressqet qabel waqtha, għaliex lanqas jista' jingħad li kulma qiegħed jintalab f'din il-kawża se' jkun mistħarreġ f'dawk il-proċeduri;

Ir-rikorrenti qed titlob fost l-oħrajn li din il-qorti tordna l-isfilz tal-istqarrija tagħha mill-proċess tal-atti penali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Ann D'Amato". Jekk din il-qorti ser issib illi referenza fil-proċeduri penali għall-istqarrijiet tar-rikorrenti mogħtija mingħajr ma kienet assistita minn avukat kisru jew potenzjalment jistgħu jiksru il-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, ma jkunx f'loku li l-ewwel jitħalla li jsir użu minn tali stqarrijiet potenzjalment leżivi tad-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tar-rikorrenti, sabiex imbagħad, f'każ li l-proċess penali jiġi konkluż kontra r-rikorrenti, jiġu istitwiti proċeduri sabiex jiġi mistħarreġ jekk l-użu tal-istqarrijiet f'sejbin eventwali ta' ħtija wassalx sabiex ġew leżi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Il-Qorti għalhekk tqis illi l-eċċezzjoni tal-intempestivita' mressqa mill-intimati ma hiex fondata u qed tiġi respinta.

**L-Eċċezzjonijiet fil-Mertu**.

Fil-mertu l-intimati jeċċepixxu illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat waqt stqarrija ma jwassalx ipso facto għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq; illi qabel irrilaxxjat l-istqarrija r-rikorrenti ingħatat il-fakolta' li tikkonsulta l-avukat tal-għajnuna legali; u illi r-rikorrenti ikkonfermat minn jeddha l-istqarrija tagħha bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u għalhekk id-drittijiet tar-rikorrenti ġew imħarsa minn kull forma ta' abbuż.

Ir-rikorrenti min-naħa tagħha tirribatti illi l-istqarrijiet tagħha mingħajr ma kienet assistita minn avukat jiksru d-drittijiet tagħha kif protetti bl-artikolu 29 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Tajjeb jiġi osservat illi fis-sena 2014 meta r-rikorrenti r-rilaxxjat l-istqarrijiet mertu tal-kawża odjerna suspettat ma kellux id-dritt li jkun akkumpanjat minn avukat waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija. Il-liġi inbidlet fis-sena 2016 sabiex illum in forza tas-**subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif mizjud b'Att LI tal-2016 '(1)** Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv. (2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet: (a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali; (b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e); (c) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà; (d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni

f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.'

Mhux hekk fis-sena 2014 meta s-suspettat kellu biss id-dritt li jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogazzjoni iżda l-avukat tas-suspettat ma setgħax ikun preżenti waqt l-interrogazzjoni.

Din il-qorti tibda' billi tirrimarka illi l-istqarrija tar-rikorrent rilaxxjata lill-pulizija u sussegwentement konfermata bil-ġurament tagħha quddiem il-Maġistrat Inkwirenti ma tteħditx b'mod illegali peress li ingħatat fil-qafas legali viġenti fil-jum li ingħatat.

Ir-rikorrenti qed titlob lill-qorti tiddikjara illi bil-fatt li l-istqarrijiet tagħha ingħataw mingħajr ma kienet assistita minn avukat liema stqarrijiet illum jifformaw parti mill-atti tal-kumpilazzjoni penali pendenti kontra tagħha, allura ġie leż id-dritt fondamentali tagħha għal smiegħ xieraq kif protett bl-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjonli ta' Malta.

Il-Qorti ma tqisx li r-rikorrenti għandha raġun meta ssostni li d-dritt tagħha għal smiegħ xieraq ġie leż.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiuet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019). Fejn wara li għamlet referenza għall-insenjament mogħtija minnha stess

fis-sentenzi tagħha fl-ismijiet **Stephen Pirotta vs. Avukat Ġenerali** u **Graziella Attard vs. Avukat Ġenerali** għaddiet sabiex għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"22. F'dik is-sentenza l-Qorti kkonkludiet li għar-raġunijiet li jissemmew fiha, fosthom dak li ntqal f'paragrafu 10, ma jkunx *"..... għaqli li jsir użu mill-istqarrija waqt il-proċess kriminali, ..........".* Raġunament li din il-Qorti diġa` addottat f'sentenzi preċedenti, bħal Christopher Bartolo v. Avukat Ġenerali et tal-5 ta' Ottubru 2018 u Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) v. Aldo Pistella tal-14 ta' Diċembru 2018.

23. Rilevanti wkoll li fejn isir ġuri, kif ser isir f'dan il-każ, huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova.

[...]

26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex

iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l-istess insenjament.

27. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l-assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura *adversarial* tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq:

*"57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".*

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is-sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kien difett

proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat-13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-*'overall fairness'* tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium tad-9 ta' 2018 l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il-prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu. Illum il-ġurnata hi l-istess Qorti Kriminali li qegħda taddotta din il-posizzjoni f'deċiżjonijiet preliminari li qegħdin jingħataw (hekk per eżempju **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Sultana** deċiżjoni tat-23 ta' Settembru 2020 u **r-Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** tat-3 ta' Diċembru 2019)."[3]

Il-fatt waħdu li l-interrogazzjoni ma saritx fil-presenza ta' avukat m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq jew sabiex jitqies li dik l-istqarrija m'għandhiex valur probatorju. Hija l-istqarrija li fiha ammissjoni għal uħud jew għar-reati kollha li m'għandhiex ikollha valur probatorju jew li l-użu tagħha jista' jwassal għall-ksur tal-jedd fundamentali.

[3] Għal kull buon fini din il-Qorti tosserva li s-sentenza **Repubblika ta' Malta v. Rosario Militello** ġiet appellata mill-Avukat Ġenerali u s-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet imħassra mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fl-istess ġurnata li ingħatat dik is-sentenza.

**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn akkuża li tkun qiegħda tinstema' minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fuqhom ir-rikorrent tibni l-każ tiegħha joħroġ ċar li l-ilment kostituzzjonali tagħha jirreferi għal avveniment li seħħ qabel ma tresqet il-Qorti sabiex twieġeb għal akkużi miġjuba kontriha. F'każ bħal dak, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jkunux għadhom applikabbli. Madankollu, in linea ma' dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Malcolm Said vs. Avukat Ġenerali et** (Rik Kost 74/2014) fl-24 ta' Ġunju 2016 ma jfissirx li dak li jkun sar qabel ma r-rikorrent ikun ġie akkużat ma jistax jolqot, bi preġudizzju għalih, dak li jiġri wara li jiġi akkużat. Għalhekk jekk it-teħid tal-istqarrija jkun sar bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent, il-vjolazzjoni ma sseħħx daqstant bil-fatt li tkun ittieħdet l-istqarrija meta r-rikorrenti kienet għadha qed tiġi nvestigata, iżda bil-fatt li fil-kors tal-proċediment ġudizzjarju fejn qed tiġi akkużata isir użu mill-istqarrija tal-akkużata kontra l-istess akkużata.

Min-naħa l-oħra ai termini ta' l-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jista' jsir stħarriġ ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq sa minn qabel mal-każ

jitressaq għal smigħ quddiem qorti, jekk kemm-il darba jintwera li l-proċediment x'aktarx ikun serjament kompromess b'xi nuqqas ta' tħaris fi stadju bikri ta' xi wieħed mid-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu. Illum il-ġurnata ma għad fadal l-ebda dubju li, għall-finijiet tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni, il-jedd li wieħed ikun mgħejjun minn avukat magħżul minnu nnifsu jew imqabbad għalih b'xejn meta ma jkollux minn fejn iħallas avukat, jibda jgħodd sa minn qabel is-smigħ proprju tal-każ kriminali, u ċioe japplika minn meta l-persuna tkun għadha miżmuma b'suspett ta' twettiq ta' reat jew waqt l-istħarriġ tal-istess reat u qabel ma jkunu nħarġu akkużi speċifiċi kontra tagħha, diment li ma jkunx hemm raġunijiet tajbin li żżomm lill-akkużat milli jikkonsulta ma' avukat. Taħt din il-kappa ġeneralment jaqgħu sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Hija l-awtorità pubblika li trid turi li kien hemm raġuni tajba biex iċċaħħad lil persuna milli tkun mgħejjuna minn avukat u kif ukoll li dik il-persuna tassew u mingħajr theddid irrinunzjat għal dak il-jedd.

Fil-każ odjern ma jirriżultax li kien hemm xi raġunijiet hekk serji u partikolari (li l-QEDB tiġborhom taħt il-kliem '*compelling reasons*') li jċaħħdu lir-rikorrent milli tkun assistiet minn avukat waqt li kienet qed tagħti l-istqarrija. Ir-raġuni waħdanija li dan ma sarx hi biss li l-liġi viġenti f'dak iż-żmien ma kinitx tħalli li persuna fil-qagħda tar-rikorrenti setgħet titlob dik l-għajnuna. Però kif spjegat taħt il-ġurisprudenza kwotata aktar 'l fuq, m'għadux il-każ li jista' jingħad li l-fatt waħda li l-liġi ma kinitx tippermetti l-assistenza t'avukat, iwassal

sabiex awtomatikament jinstab li hemm ksur tal-jedd kif imħares taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Rilevanti wkoll l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Morgan Onuorah vs. Avukat tal-Istat** (Rik Kost 176/2019) fejn ordnat l-isfilz tal-istqarrija mill-proċess kriminali wara li ħadet kont tal-fatt li "huma l-ġurati li jagħmlu l-apprezzament tal-provi u l-verdett ma jkunx fih motivazzjoni. Għalhekk jeżisti l-periklu ċar li l-ġurati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq dik il-prova" u li "l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali."

Din il-qorti tagħmel referenza mill-ġdid għall-aktar sentenza reċenti tal-Qorti Kostituzzjonali in materia ġia ċitata supra fejn fir-rigward jingħad kif ġej:

> 15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti . Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka

fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq . F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu;

- Omissis -

Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;"[4] (sottolinear ta' din il-qorti).

[4] **Christopher Bartolo vs L-Avukat tal-Istat** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' April 2022:

Dan l-insenjament huwa applikabbli perfettament għall-każ in eżami. Una volta l-istqarrijiet tar-rikorrenti sew waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija kif ukoll il-konferma ġuramentata quddiem il-maġistrat inkwirenti tal-istess stqarrija seħħew meta r-rikorrenti ma kienitx assistita minn avukat, l-użu ta' dawn l-istqarrijiet fil-proċess penali potenzjalment jista' jwassal għall-ksur tal-jedd tar-rikorrenti għal smiegħ xieraq.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi r-rikors tal-14 ta' Jannar 2020 billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevali mill-intimati bil-mod kif hawn fuq deċiż,

1. Tiċħad in parte it-talba tar-rikorrenti in kwantu talbet dikjarazzjoni ġudizzjarja li ġew miksura d-drittijiet fundamentali tagħha protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

2. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti safejn talbet rimedju xieraq u tiddikjara u tiddeċiedi illi ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija li r-rikorrenti irrilaxxjat waqt l-interrogazzjoni tagħha mill-pulizija, kif ukoll ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija konfermata bil-ġurament mir-rikorrenti quddiem il-maġistrat inkwirenti.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

---

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta’ Settembru 2022

---

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**